MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2012

Numru. 1251/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**GIUSEPPE MERMINA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **GIUSEPPE MERMINA,** ta’ 52 sena, bin Vincenzo u Licia nee` Braffa, imwieled gewwa Modica nhar il- 14 ta’ Mejju 1960 u detentur tal- karta tal-Identita’ Taljana AT 3365337 gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1. Talli nhar is- 17 ta’ Marzu 2009, matul il-Lejl u cioe’ f’ xi hin bejn is-saghtejn u is-sitta ta’ filghodu, f’dawn il-

Gzejjer u cioe' minn gewwa l-hanut Bianco's li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan, kkometta serq ta' diversi oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u kif ukoll bil-valur li jeccedi l-232.94 Ewro u li sar ghad-detriment ta' Lukan Edward Charles detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 9995(M) u/jew ta' persuni ohra.

*2.* U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' l-bieb tal- hanut Bianco's li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan, ghad-detriment ta' Lukan Edward Charles detentur tal-Karta tal-Identita' bin- numru 9995(M) u/jew ta' persuni ohra liema hsara tiskorri mija u sittax-il Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47), imma inqas minn elf, mija u erbgha w sittin Euro u disgha w sittin centenzmu (€1164.69).

3. Talli fl-istess perjodu ta' zmien, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistati b'reat, u/jew xjentement b'kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

4. U finalment talli rrenda ruhu recidiv b' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru defenittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundana lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tordna lill-imputat jiddepozita il-Karta ta' l-identita' kif ukoll il-passaport tieghu f'dawn l-atti u dan fid-dawl ta' l-izvilupp tas-shubija ta' pajjizna fiz-zona Schengen ai termini ta' l-Artikoli 6A(b) ta' l-Att dwar il-Karta ta' l-Identita', Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioe' formola bid-dettalji ta' l-imputat u notifikazzjoni tat-transfer tal-imputat ghal Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma jitkellimx u ma jifhimx la l-lingwa Maltija u lanqas il-lingwa Ingliza. Ghaldaqstant, il-Qorti nnominat lill-Imelda Fede sabiex taghmilha ta' interpretu mill-lingwa Maltija ghall-Taljana u vici versa.

Semghet lill-imputat jiddikjara li fehem l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu tramite t-traduzzjoni maghmula lilu mill-interpretu.

Rat illi l-imputat iddikjara li m'ghandux mezzi finanzjarji u ghalhekk il-Qorti nnominat lil Dr Renzo Porsella Flores sabiex jassisti lill-imputat bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilu llum nhar l-24 ta' Novembru 2012, u cioe' fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-Artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat moghtija fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat il-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li l-imputat diga' kiser duffrejh mal-Ligi f'okkazzjonijiet precedenti u ma tghallimx jisfrutta l-opportunitajiet moghtija lilu.

**Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 261 (b) (c) (f), 263(a) (b), 264(1), 267, 325(b) u 334(a) tal-Kapitolu 9, tiddeciedi li issib lill-imputat GIUSEPPE MERMINA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija effettivi.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini ta' l-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza w l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------